

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>**Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż**
Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Franza

Tiġi kkunsidrat **vittma ta' reat**, jekk tkun ġarrabt dannu (pereżempju tkun ġejt ferut jew il-proprjetà personali tiegħek tkun ġarrbet dannu jew tkun insterqet, eċċ.) b'konsegwenza ta' azzjoni li tkun tikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali. Skont il-liġi, bħala vittma ta' reat għandek ċerti drittijiet individwali qabel, matul u wara l-proċedimenti.

Fi Franza, il-proċedimenti kriminali jikkonsistu f'inkjesta u proċess. Hemm żewġ tipi ta' inkjesta, skont it-tip ta' reat imwettaq: **inkjesta tal-pulizija** mwettqa minn uffiċjali tal-pulizija taħt l-awtorità tal-prosekutur pubbliku u **inkjesta ġuddizjarja (investigazzjoni)** imwettqa taħt l-awtorità tal-maġistrat inkwirenti mill-uffiċjali tal-pulizija kriminali jew mill-maġistrat inkwirenti nnifsu.

Meta l-injesta titlesta, il-każ jista' jingħalaq jew jiġi rinviat il-qorti għall-proċess, skont l-evidenza miġbura. Fil-każ tal-aħħar, il-qorti teżamina l-evidenza miġbura u tiddeċiedi jekk it-trażgressur allegat ikunx ħati jew le. Jekk it-trażgressur allegat jinstab ħati, il-qorti tagħtih is-sentenza. Fil-każ li ma jkunx ħati, it-trażgressur jiġi dikjarat mhux ħati u jiġi liberat jew meħlus mill-kundanni.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

4 - Kumpens

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

L-aħħar aġġornament: 07/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.